MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 132/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**

**vs**

**Abdalla El Magrus Juma**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Abdalla El Magrus Juma ta’ 33 sena, bin Juma u Hamida, imwieled Linja nhar is-17 ta’ Dicembru 1976 u residenti 53, ‘Il-Kenn’, Flt 3, Triq Profs Nerik Vassallo Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 30997(A) u certifikat ta’ l-immigrazzjoni bin-numru 004939AA gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar il-4 ta’ Frar 2010, ghall-habta ta’ 6.45am, fis-Siggiewi, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq minn go residenza numru 29 fi Triq il-Qiegha Siggiewi, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Spiteri;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fir-residenza u stabilliment hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il ewro (116) izda anqas minn elf u mija u tnejn u sittin ewro (1162);

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’Malta, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LLD, b’digriet ta’ dik l-istess Qorti datat nhar id-19 ta’ Jannar 2010 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta’ sitt elef ewro u depozitu ta’ elf ewro u fost kundizzjonijiet ohra li ma jaghmilx reat iehor u li ma johrogx mid-dar fejn joqghod qabel is-sebgha ta’ filghodu (7.00am) u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In oltre il-Qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija skond l-akkuza kif dedotta tirrevoka il-beneficju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi Abdalla El Magrus Juma u dan ai termini ta’ l-artikolu 579 subinciz 3 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta’ Frar 2011 (esebita a fol. 190 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 278, 280(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

(b) fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 17, 23, 31, 383 u 533, 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu 2012, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-1 ta' Marzu 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat instab hati u jidrilha li piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-24 ta' Frar 2012, fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 278, 280(2) u 281, fl-artikoli 325(1)(b) fl-artikoli 17, 23, 31, 383 u 533, 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------